MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 113/2002/1

**Melita Cable plc**

**vs**

**Godfrey maghruf bhala Alfred, u Frances konjugi Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Ottubru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghidu intom konvenuti jew min minnkom ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas l-ammont ta' elf u hames mitt lira maltija (Lm1500) dovuti bhala rizarciment da parti

taghkom lis-socjeta' attrici minhabba il-fatt illi fix-xhur bejn Gunju 2000 sa Marzu 2002, dhaltu b'qerq fis-sistema ta' telekomunikazzjoni tas-socjeta' attrici, kkonnettjajtu maghha kontra il-ligi u sraqtu is-servizz ta' cable television tal-istess socjeta' ad uzu tal-lukanda 'Atlantis Hotel', Triq il-Qolla, Marsalforn; flimkien mal-interessi fuq din is-somma b'effett mid-data tan-notifika lilek ta' dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Mejju 2002 u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 2002.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejjha."

Ra r-risposta:

"Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li m'huwiex minnu li l-konvenut "dahal b'qerq" fis-sistema tat-telekomunikazzjoni tas-socjeta' attrici bhalma qed jigi allegat fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju is-socjeta' attrici ghandha tiggustifika t-tip ta' rizarciment li qed tippretendi li ghandha tircievi minghand il-konvenut;

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat huwa wiehed esagerat u m'ghandux jithallas.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi jirrizulta li saret konnessjoni mhux awtorizzata ta' servizz ta' cable television ghall-uzu domestiku ma' lukanda li ghandha 78 kamra. Dan jirrizulta bla ebda dubbju mill-ammissjoni stess tal-konvenut Alfred Farrugia kemm mal-pulizija kif ukoll mal-ufficcjali tal-kumpannija attrici. L-ammissjoni kif inhu maghruf, hija r-regina tal-provi u ma hemmx ghalfejn issir indagini ulterjuri meta jkun hemm l-ammissjoni. Din il-konfessjoni kienet fis-sens li mas-servizz tal-cable gew ikkomunikati l-kmamar kollha tal-lukanda. Ma hemmx dubbju l-anqas li dan huwa fatt illecitu li ghalih il-konvenut ghandu jhallas id-danni subiti mis-socjeta' attrici li tforni dan is-servizz.

Illi dwar il-quantum tad-danni, dan kien certament ikbar minn dak pretiz mis-socjeta' attrici, u del resto jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' LM1,500 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Mejju 2002 u dik ufficcjali tat-2 ta' Settembru 2002 u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv."

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti bl-aggravji li jikkontesta lit-Tribunal l-konsiderazzjonjiet minnu maghmula biex jasal ghall-evalwazzjoni gusta tal-meritu. Huma jillanjaw illi l-fatt li minn ambjent wiehed fejn fih is-servizz kien qed jigi ricevut legittimament ghall-ambjenti ohra ma kellux ghal daqshekk iwassal ghall-konkluzjoni ta' uzu abbuziv izda kellu jigi provat illi kien projbittiv li wiehed jisserva bl-istess servizz ghall-aktar minn televizjoni wiehed jew li ma jistax jittiehed oltre area partikolari. Huma jsostnu li din il-prova ma saretx mis-socjeta` attrici appellata.

Indubbjament l-argoment sottomess mill-appellanti huwa wiehed ingenjuz izda fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistghax iservi biex jeghleb ir-realta` tal-fatti determinanti f'dan il-kaz. Dawk cjoe` li:

i. Skond il-kuntratt esebit a fol 37 is-servizz tal-cable TV gie supplit eskluzivament lill-fond residenzjali tal-konvenuti;

ii. Il-konvenuti qabdu u estendew minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta` attrici u bl-uzu ta' apparat estraneu, l-istess servizz lil-lukanda taghhom;

iii. Ix-xjenza fil-konvenut Godfrey Farrugia li dak li ghamel sar illegalment. Dan kif ammess minnu fil-presenza tax-xhieda prodotti. Ara deposizzjonijiet tal-Avukat Jean Pierre Scerri (fol 18), Simon Montanaro (fol 20) u l-Ispettur Antonello Grech (fol 41).

Huwa ovvju minn ezami tal-provi processwali illi certi fatti principali huma pacifici bejn il-kontendenti. Hekk per ezempju huwa pacifiku illi s-servizz tal-cable TV gie provvdut mis-socjeta` attrici lill-konvenuti appellanti fid-dar ta' abitazzjoni taghhom. Daqstant iehor huwa pacifiku illi l-konvenuti kkonvertew skond l-interessi taghhom dan l-uzu fis-sens li ma hallewhx ristrett ghad-dar residenzjali biss izda minn rajjhom estendewh ghal fond kummercjali ossija l-lukanda. Kif gja osservat dan il-fatt hu accettat u ammess mill-appellant Godfrey Farrugia anke jekk dan l-appellanti ma jistqarruhx direttament fil-gudizzju 'de quo'. Dan anke ghaliex huwa ma offriex ix-xhieda tieghu.

Minn dan jitnissel illi gjaladarba dawn il-fatti ma humiex kontroversi, in kwantu inkontestati, l-prova specifika, fil-presenza tal-konfessjoni, mhiex strettament necessarja anke jekk f'dan il-kaz din xorta wahda saret mis-socjeta` attrici appellata biex issostni l-illegalita` tal-operat da parti tal-konvenuti.

Dan stabbilit, l-oneru probatorju jimponi fuq il-bazi tal-eccezzjoni proposta u tas-sottomissjoni artikolata fuq il-fatt tal-assenza ta' projbizzjoni tal-uzu li sar illi l-konvenuti jfornu minn naha taghhom prova dimostrattiva illi ma kien hemm xejn x'josta milli huma jaghmlu uzu mis-servizz bil-mod effettwat minnhom.

Gjaladarba din il-prova ma saretx mill-appellanti ma kien hemm xejn x'izomm lit-Tribunal milli, fuq ir-rizultat tal-apprezzament tal-provi processwali, jaghmel l-inferenza prezuntiva tal-fatt tal-illegalita`. Kien hemm elementi sufficjenti fl-atti u indizji precizi u bastanti biex it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li wasal fiha. Dik, cjoe, li jorbot il-kondotta tal-konvenuti appellanti mal-lezjoni ta' l-interess tas-socjeta` attrici appellata, guridikament tutelat. B'hekk jistabilixxi ukoll ir-rilevanza guridika tal-konsegwenzi ekonomici sfavorevoli ghas-socjeta` attrici derivati mill-fatt illecitu.

Naturalment f'dan ma setghax jonqos li t-Tribunal jakkorda piz debitu l-fatt objettiv tal-konfessjoni valida u esplicita tal-istess konvenut appellant u jattribwixxi lil dan l-istess fatt id-dovuta kwalifikazzjoni u konsiderazzjoni guridika. F'dan certament it-Tribunal hu suffragat mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 693 u 694 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fejn proprju nsibu provvdut illi kull ammissjoni ta' fatt anke jekk maghmula barra mill-Qorti tista' tittiehed bhala prova kontra l-parti li taghmilha u kontra taghha biss.

Din il-Qorti ma tarax il-htiega li ghandha tiddilunga oltre r-riflessjonijiet fuq premessi. Tikkonkludi biss illi l-aggravju interpost ma jisthoqqlux li jigi akkolt u effettivament ser jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jitbatew mill-konvenuti appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------